



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.6.2014  
COM(2014) 403 final

Rakkomandazzjoni għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-programm ta' riforma nazzjonali għall-2014 tal-Bulgarija**

**u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' konverġenza tal-Bulgarija għall-  
2014**

{SWD(2014) 403 final}

Rakkomandazzjoni għal

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-programm ta' riforma nazzjonali għall-2014 tal-Bulgarija

u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' konverġenza tal-Bulgarija għall-2014

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tiżi ta' pozzizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (EU) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea<sup>3</sup>,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropea<sup>4</sup>,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi mnedija strateġija ġdida għat-tkabbir u l-impjiegi, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki tal-ekonomija, li tiffoka fuq il-punti ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex jissaħħa il-potenzjal tal-Ewropa għal tkabbir sostenibbli u kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi għall-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri, li flimkien jiffurmaw

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

<sup>3</sup> COM(2014) 403 final.

<sup>4</sup> P7\_TA(2014)0128 u P7\_TA(2014)0129.

il-"linji gwida integrati". L-Istati Membri kienu mistiedna sabiex jikkunsidraw il-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u tal-impjegi tagħhom.

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddeċidew dwar Patt għal Tkabbir u Impjegi, li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni flivell nazzjonali, dak tal-UE kif ukoll taż-Żona tal-Euro permezz tal-użu tal-għodod, l-istrumenti u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (4) Fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Bulgarija għall-2013 u wassal l-opinjoni tiegħu dwar il-programm ta' konverġenza aġġornat tal-Bulgarija għall-2012-2016.
- (5) Fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir<sup>5</sup>, li jagħti bidu għas-Semestru Ewropew 2014 tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fl-istess ġurnata abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija<sup>6</sup>, li fih il-Bulgarija ġiet identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru għandu jitwettaq eżami mill-ġdid fil-fond.
- (6) Fl-20 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet li jiżguraw stabbiltà finanzjarja, konsolidament fiskali u azzjoni biex jissaħħa it-tkabbir. Il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa li jissokta l-konsolidament fiskali differenzjat u favur it-tkabbir, sabiex il-kundizzjonijiet ta' self għall-ekonomija jerġgħu lura għan-normal, jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, jiġu ttrattati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex l-amministrazzjoni pubblika tiġi mmodernizzata.
- (7) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tal-eżami mill-ġdid fil-fond dwar il-Bulgarija<sup>7</sup>, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Bulgarija għadha għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi li jeħtieġu monitoraġġ u azzjoni politika. Partikolarment, l-aġġustament li qed jieħu fit-tul tas-suq tax-xogħol jiġġustifika azzjonijiet politiċi, filwaqt li qed isir progress tajjeb fil-korrezzjoni tal-pożizzjoni esterna u d-diżingranaġġ korporattiv
- (8) Fis-17 ta' April 2014, il-Bulgarija ppreżentat il-programm nazzjonali ta' riforma tagħha għall-2014 kif ukoll il-programm ta' konverġenza għall-2014. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (9) L-objettiv tal-istrateġija baġitarja spjegata fil-Programm ta' Konverġenza għall-2014 huwa li jintlaħaq l-objettiv fuq terminu medju ta' defiċit strutturali ta' -1 % tal-PDG sal-fl-2016. L-objettiv ta' terminu medju huwa aktar strinġenti minn dak tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Bulgarija bbenefikat minn possibiltà ta' devjazzjoni temporanja mill-objettiv ta' terminu medju b'0,6 % tal-PDG fl-2013 u b'0,1 % tal-PDG fl-2014 li ppermettew proġetti ffinanzjati b'mod konġunt. Il-programm jippjana deteriorazzjoni fil-bilanċ strutturali (rikalkulat) b'0,3% tal-PDG fl-2014, li jwassal għal -1,3 % tal-PDG, u għal titjib b'0,3 % tal-PDG fl-2015, li jwassal għal -1,0% tal-PDG, jiżguraw ir-ritorn lejn l-objettiv ta' terminu medju. Ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa

<sup>5</sup> COM(2013) 800 final.

<sup>6</sup> COM(2013) 790 final.

<sup>7</sup> SWD(2014) 76 final

tal-gvern ma taqbiżx il-parametru referenzjarju rilevanti tan-nefqa ta' terminu medju fl-2014-15. Għalhekk il-pjanijiet baġitarji huma skont ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-proporzjon tad-dejn huwa inqas sew minn 60 % tal-PDG u, skont il-Programm tal-Gvern, huwa mistenni li jiżdied biss ftit għal 20,6% tal-PDG sal-aħħar tal-perjodu tal-Programm. Ix-xenarju makroekonomiku sottostanti l-proġettazzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Konverġenza huwa ottimist għall-perjodu 2014-15, bi tkabbir annwali mistenni jilħaq 2,1 % fl-2014 u 2,6 fl-2015 minflok 1,7 % fl-2014 u 2,0 % fl-2015 proġettati mit-Tbassir tar-Rebbiegħa 2014 tal-Kummissjoni. Skont it-tbassir tal-Kummissjoni d-devjazzjoni tal-Bulgarija mill-objettiv ta' terminu medju fl-2014 huwa akbar minn dak permess abbażi tad-devjazzjoni temporanja permessa mill-proġetti finanzjati b'mod konġunt, u r-redditu meħtieġ fuq l-objettiv ta' terminu medju mhux se jintlaħaq fl-2015. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza tal-2014 u t-tbassir tal-Kummissjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li jeżisti riskju ta' devjazzjoni mill-objettiv ta' terminu medju mill-2014-15.

- (10) Il-konformità tat-taxxa u l-kwalità tal-amministrazzjoni tat-taxxa għadhom ta' sfida ewlenija fil-Bulgarija. L-estimi disponibbli jindikaw li teżisti ekonomija moħbija mdaqsa, u dan huwa kkonfermat mid-dejta dwar ix-xogħol mhux dikjarat fil-Bulgarija. Il-kostijiet amministrattivi tal-ġbir ta' dħul u l-kostijiet tal-konformità biex jitħallsu t-taxxi huma relattivament għoljin. Minkejja diversi miżuri meħuda b'reazzjoni għal dawn l-isfidi, il-Bulgarija xorta waħda għad ma għandhiex strateġija sħiħa għall-konformità tat-taxxa, li tkopri l-ħidma kollha tal-awtoritajiet tal-ġbir tat-taxxa u li tinkludi analiżi minn qabel tal-aktar riskji sinifikanti għall-ġbir tat-taxxa kif ukoll evalwazzjoni tal-miżuri diġà fis-seħħ, inklużi miżuri ta' simplifikazzjoni kif ukoll kontrolli aħjar.
- (11) Fl-2013, il-Bulgarija marret pass lura mill-impenji li ħadet qabel fil-qasam tar-riforma tal-pensjonijiet. Ġew introdotti skemi addizzjonali ta' irtirar kmieni u ż-żidiet annwali ppjanati fl-età statutorja tal-irtirar ġew posposti. Ma sar l-ebda progress fejn tidħol l-armonizzazzjoni tal-età tal-irtirar għall-irġiel u n-nisa u ma ttieħdu l-ebda passi biex jiġu ssikkati l-kriterji tal-eleġibbiltà u l-kontrolli biex jiġi limitat l-abbuż fl-allokazzjoni tal-pensjonijiet tal-invalidità. Il-Bulgarija hija wieħed mill-pajjiżi fejn il-popolazzjoni qed tixjieħ bl-aktar mod mgħaġġel fl-UE, u dan għandu implikazzjonijiet negattivi fuq is-suq tax-xogħol, il-potenzjal għat-tkabbir fl-ekonomija u għall-finanzjament tas-sistema tal-pensjonijiet tagħha. Għalhekk il-Bulgarija teħtieġ tkompli r-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet tagħha. Il-Bulgarija qiegħda wkoll taffaċċa sfidi kbar fir-razzonalizzazzjoni u l-immaniġġar tas-settur tal-isptarijiet, inkluż nuqqas ta' trasparenza fil-finanzjament tal-isptarijiet u servizzi tal-kura out patient mhux żviluppati biżżejjed. Barra minn hekk, il-livell għoli ta' pagamenti formali u informali mġarrba mill-pazjenti effettivament teskludi ċerti segmenti tal-popolazzjoni mill-aċċess għall-kura tas-saħħa. L-indikaturi tal-istatus tal-qasam tas-saħħa huma dgħajfa ħdejn Stati Membri oħra, ħaġa li tindika li fil-futur tista' tkun meħtieġa nefqa stutturali pubblika ogħla fis-settur tas-saħħa.
- (12) Fl-aħħar snin is-suq tax-xogħol ma kellux prestazzjoni tajba, u b'hekk kien qed jillimita l-kapaċità ta' aġġustament tal-ekonomija u jhedded il-potenzjal tat-tkabbir tagħha. Il-qgħad stabbilizza ruħu fl-2013, iżda l-għadd ta' żgħażagħ u dawk qiegħda fit-tul kompli jiżdied. Il-Bulgarija taffaċċa waħda mill-ogħla proporzjonijiet ta' żgħażagħ li la huma f'impjieg, la qed jistudjaw u lanqas qed jirċievu taħriġ, ħaġa li timplika sottoutilizzazzjoni u sottożvilupp gravi tal-kapital uman. Sar biss progress limitat ħafna fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-Aġenzija tal-Impjieg. Hemm ukoll il-ħtieġa li

l-kopertura u l-effikaċja tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jiġu estiżi. Il-Bulgarija ma għandhiex miżuri effettivi biex tilħaq liż-żgħażaġh mhux reġistrati, inklużi r-Rom, f'konformità mal-objettivi ta' garanzija għaż-żgħażaġh. Proporzjonijiet sinifikanti ta' dawk qiegħda mhumiex koperti minn protezzjoni soċjali standard (benefiċċji għal min ma jaħdimx u għajnuna soċjali) iżda jiddipendu minflok fuq is-solidarjetà familjali jew xogħol informali. Il-Bulgarija jinsabu f'wieħed mill-ogħla riskji tal-povertà u l-esklużjoni soċjali fl-UE. Livelli minimi għall-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali jistgħu jimpedixxu lil dawk bi f'it hiliel milli jipparteċipaw bis-sħiħ l-ekonomija formali. Twettqu xi analiżijiet biex jiġi vvalutat l-impatt possibbli u dawn jeħtieġ li jiġu vvalutati u segwiti b'azzjoni politika xierqa. Ma hemmx linji gwida ċari għall-istipular trasparenti tal-paga minima fil-Bulgarija. Il-paga minima statutorja żdiedet sostanzjalment fl-2013 u dan seta' kellu impatt negattiv fuq l-impjiegi u għalhekk għandu jiġi mmonitorjat.

(13) Il-Bulgarija għadha ma adottatx l-Att tal-Edukazzjoni fl-Iskejjel li jipprovdi qafas għall-implimentazzjoni tar-riformi komprensivi meħtieġa tas-sistema tal-iskola, fosthom il-modernizzazzjoni tal-kurrikula u taħriġ aħjar għall-għalliema. Hemm il-ħtieġa li titjeb il-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fil-Bulgarija u li jiġu integrati aħjar fl-istrutturi edukazzjonali ġenerali sabiex isiru possibbli perkorsi flessibbli, jitnaqqas it-tluq kmieni mill-iskola u jitjeb l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja. Min-naħa tagħha, l-edukazzjoni għolja qed taffaċċa sfidi persistenti biex tirrispondi aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-istandard baxx tal-kwalità taċ-ċertifikati jikkontribwixxi għal prestazzjoni ħażina. Qiegħda tiġi diskussa strateġija ġdida għall-edukazzjoni għolja, li titlob ristrutturar tal-maniġment tal-universitajiet permezz tal-involviment dirett tal-partijiet interessati bħan-negozji u l-istudenti, il-konsolidazzjoni tal-universitajiet, u approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni biex l-outputs edukattivi jkunu allenjati aħjar mad-domandi tas-suq tax-xogħol. Sfida li tkompli tikkonċerna l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal żvantaġġati, partikolarment it-tfal Rom. Is-sentejn preskolastiċi obligatorji hija miżura importanti fid-direzzjoni t-tajba u għandha tiġi implimentata b'mod strett, flimkien ma' miżuri li jipprevjenu t-tluq kmieni mill-iskola. Hemm il-ħtieġa li jiżdiedu l-inizjattivi eżistenti biex jitjeb it-taħriġ tal-għalliema u titnaqqas *de facto* s-segregazzjoni fl-iskejjel. Ir-regoli li jorbtu l-benefiċċji soċjali għat-tfal mal-parteċipazzjoni fl-iskejjel għandhom mhumiex implimentati biżżejjed.

(14) Sforzi usa' biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika kellhom impatt limitat minħabba l-approċċ frammentat u l-impenn insuffiċjenti lejn riformi fil-fond. Il-Bulgarija teħtieġ strateġija kkoordinata għar-riforma fl-amministrazzjoni pubblika biex jissaħħu l-professjonaliżmu u l-indipendenza tal-amministrazzjoni pubblika u tal-aġenziji regolatorji tagħha, fosthom sistemi meritokratika għall-ħatriet u l-iżvilupp tal-karrieri tal-uffiċjali pubbliċi u strutturi effettivi biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni. Aktar sforzi huma meħtieġa biex jitjeb l-ambjent kummerċjali ġenerali. L-isfidi jinkludu l-proċeduri biex jinkisbu l-permessi u r-reġistrazzjoni ta' negozji. Ir-risoluzzjoni tal-insolvenzi tieħu aktar minn medja ta' tliet snin u r-rata tal-irkupru hija baxxa. Ġew adottati regoli ġodda dwar il-pagamenti tard fl-2013 u jeħtieġ li jiġu implimentati. L-iżvilupp tal-gvern-e waqaf, u l-koordinazzjoni biex tkun żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi u l-ħolqien ta' punt uniku ta' kuntatt mhumiex biżżejjed, u b'hekk qed jiġu limitati l-isforzi biex tiżdied it-trasparenza u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. Fil-qasam tal-akkwist pubbliku ma jeżistix qafas legali simpliċi u kodifikat, u dan iwassal għal sitwazzjoni legali u regolatorja kumplikata li toħloq ħafna inċertezzi għall-operaturi. L-indipendenza tal-ġudikatura wkoll għadha ta' tħassib ewlieni li jaffettwa l-ambjent kummerċjali fil-Bulgarija. Il-Bulgarija ħadet xi

passi biex tindirizza l-korruzzjoni, iżda l-progress kumplessiv kien limitat u jibqa' fraġli u jirrikjedi kontrolli konsistenti u sanzjonijiet diswazzivi għall-konflitti ta' interess. Hemm ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar fost l-istituzzjonijiet ta' kontra l-korruzzjoni u li jiġu protetti mill-influenza politika.

- (15) Il-kompetizzjoni fis-setturi tal-elettriku u l-gass għadha limitata. Oqsma ta' tħassib partikolari għat-titjib tal-funzjonament tas-swieq tal-enerġija jinkludu n-nuqqas ta' skambji fl-elettriku u l-gass u n-nuqqas ta' suq tal-operaturi trasparenti. Is-suq ħieles fl-elettriku huwa ddominat minn fornitur wieħed u d-daqs limitat tiegħu jfisser li l-kompetizzjoni ma tistax taqdi l-funzjoni tagħha li tiżgura l-kosteffiċjenza. L-indipendenza u effikaċja tar-regolatur nazzjonali tibqa' limitata. Id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet minn għadd limitat ta' fornituri u n-nuqqas ta' żvilupp infrastrutturali joħlqu riskju ta' xokkijiet fil-provvista. Pakkett komprensiv ta' miżuri biex titjeb effiċjenza enerġetika kien propost biex jiġi ffinanzjat mill-UE fil-perjodu ta' programmar il-ġdid 2014-2020.
- (16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Bulgarija. Ivvalutat il-programm ta' konverġenza u l-programm nazzjonali ta' riforma. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Bulgarija iżda anki l-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew jidhru fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (6) hawn taħt.
- (17) Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-programm ta' konverġenza tal-Bulgarija, u l-opinjoni tiegħu<sup>8</sup> tidher b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.
- (18) Il-Kunsill eżamina l-programm nazzjonali ta' riforma u l-programm ta' konverġenza fid-dawl tar-rieżami fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (3), (4) u (5) hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Bulgarija tiegħu azzjoni fil-perjodu 2014-2015 sabiex:

1. Issaħħaħ il-miżuri baġitarji għall-2014 fid-dawl tad-differenza emerġenti meta mqabbel mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fl-2015, issaħħaħ l-istrategġija baġitarja biex tiżgura li tilħaq l-objettiv ta' terminu medju u jżomm miegħu minn hemm 'il quddiem. Tiżgura l-kapaċità tal-kunsill fiskali l-ġdid biex ikun jista' jissodisfa l-mandat tiegħu. Timplimenta strategġija tat-taxxa komprensiva biex issaħħaħ il-ġbir tat-taxxa, tindirizza l-ekonomija moħbija u tnaqqas il-kostijiet tal-konformità.
2. Tadotta strategġija fuq terminu twil għas-sistema tal-pensjonijiet, tkompli biż-żieda annwali pjanata fl-età statutorja tal-irtirar u tistabilixxi mekkaniżmu biex torbot l-età statutorja tal-irtirar mall-istennija tal-għomor fuq terminu twil, filwaqt li gradwalment tneħħi l-għażliet tal-irtirar kmieni u tekwalizza l-età statutorja tal-irtirar għall-irġiel u n-nisa. Tissikka l-kriterji tal-eleggibilità u l-proċeduri għall-allokazzjoni tal-pensjonijiet tal-invalidità, pereżempju billi tqis aħjar il-kapaċità li l-applikanti jkun baqgħalhom biex jaħdmu. Tiżgura provvediment effiċjenti tal-kura tas-saħħa fosthom billi ttejjeb it-trasparenza fil-finanzjament tal-isptarijiet, tottimizza n-network tal-isptarijiet u tiżviluppa kura out-patient.

<sup>8</sup> Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

3. Ittejjeb l-effiċjenza tal-Aġenzija tal-Impjiegi billi tiżviluppa sistema ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni u timmira aħjar lejn dawk l-aktar vulnerabbli, bħall-ħaddiema bi ftit ħiliet u ixjaħ, dawk qiegħda fit-tul u r-Rom. Testedni l-kopertura u l-effikaċja tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol biex tqabbel il-profilu ta' min qiegħed ifittex xogħol u tilħaq liż-żgħażaġh mhux reġistrati li la qed jaħdmu, la qed jistudjaw u lanqas mhuma qed jitħarrġu, f'konformità mal-oġġettivi ta' garanzija għaż-żgħażaġh. Ittejjeb il-kopertura effettiva tal-benefiċċji tal-qgħad u l-għajjnuna soċjali u r-rabtiet tagħhom mal-miżuri ta' attivazzjoni. Tkompli r-rieżami komprensiv tal-limiti minimi għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ħalli tiżgura li s-sistema ma tagħmilhiex aktar vantaġġuża għal dawk bi ftit ħiliet li jibqgħu barra mis-suq tax-xogħol. Tistabbilixxi, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, linji gwida trasparenti għall-aġġustament tal-pagi minimi statutorji filwaqt li tqis l-impatt fuq l-impjiegi u l-kompetittività. Sabiex ittaffi l-povertà, ittejjeb aktar l-aċċessibbiltà u l-effikaċja tas-servizzi soċjali u t-trasferimenti għat-tfal u l-anzjani.
4. Tadotta l-Att dwar l-Edukazzjoni fl-Iskejjel u twestaq riformi fl-edukazzjoni vokazzjonali u għolja sabiex iżżid il-livell u r-rilevanza tal-ħiliet miksuba fil-livelli kollha, filwaqt li trawwem sħubijiet bejn l-istituzzjonijiet edukazzjonali u d-dinja kummerċjali bil-għan li tallinja aħjar ir-riżultati mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Issaħħaħ il-kwalità tal-edukazzjoni vokazzjonali u l-istituzzjonijiet tat-taħriġ u ttejjeb l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja. Tħaffef l-isforzi biex ittejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni preskolastika u skolastika ta' kwalità u inklussiva ta' tfal żvantaġġati, partikolarment ir-Rom u timplimenta b'mod strett ir-regoli li jorbtu l-pagament tal-benefiċċji tat-tfal mal-parteciċipazzjoni fl-edukazzjoni.
5. Tkompli ttejjeb l-ambjent kummerċjali, partikolarment għall-SMEs, billi tnaqqas il-burokrazija, tippromwovi l-gvern-e, tirrazzjonalizza l-proċeduri ta' insolvenza u timplimenta leġiżlazzjoni dwar il-pagamenti tard. Ittejjeb is-sistema tal-akkwist pubbliku billi ttejjeb il-kapaċità amministrattiva, issaħħaħ il-kontrolli ex ante mwettqa mill-Aġenzija tal-Akkwist Pubbliku u tieħu passi konkreti għall-implimentazzjoni tal-akkwist-e. Ittejjeb il-kwalità u l-indipendenza tal-ġudikatura u żżid il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
6. Iżżid ir-riformi tas-settur tal-enerġija sabiex iżżid il-kompetizzjoni, l-effiċjenza u t-trasparenza tas-suq u l-effiċjenza enerġetika, partikolarment billi tneħħi l-ostakli għas-suq, tnaqqas il-piż tas-segment regolat, iżżid l-isforzi biex toħloq suq tal-operaturi trasparenti għall-elettriku u l-gass, tneħħi l-kwoti gradwalment, u ssaħħaħ l-indipendenza u l-kapaċità amministrattiva tar-regolatur tal-enerġija. Taċċellera l-proġetti ta' interkonnessjoni mal-Istati Membri ġirien u mal-pajjiżi kandidati u ssaħħaħ il-kapaċità li tindirizza l-qtuġh.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*